MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2011

Numru. 131/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Joseph Cordina**

**vs**

**Omissis**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat omissis gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Fis-17 ta' Jannar 2004, filghaxija, bi vjolenza u bil-qerq, b'ghemil zieni ikkorrompa lil MC, minorenni ta' hmistax-il sena, liema minorenni hija dixxendent miz-zwieg, kif ukoll

filwaqt li l-istess minorenni kienet giet fdata mieghu sabiex imqar jekk ghal xi zmien jiehu hsiebha jew jindukra.

Fl-istess data, lok u cirkustanzi, ikkommetta attentat vjolenti ghall-pudur fuq l-istess minorenni.

Fl-istess data, lok u cirkostanzi, minghajr setgha skond il-ligi ta’ Awtorita’ kompetenti u barra mill-kazijiet fejn il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta l-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil MC kontra l-volonta’ taghha u dan sabiex igieghlha taghmel jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha.

Fl-istess data, lok u cirkostanzi, offenda il-pudur jew il-morali, b’ghemil li sar f’ lok pubbliku, jew f’lok espost ghal pubbliku.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 30 ta’ Settembru 2004 (esebita a fol. 136 tal-process) fejn huwa deherlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

(a) Fl-artikoli 203(1)(a)(c), 209, 86, 87(1)(g), 20 u 533 tal-Kodici Kriminali ;

Rat li waqt l-udjenza tat-22 ta’ Ottubru 2004, l-imputat omissis ddikjara li hu m’ ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Rat in-Noti ta’ Sottomissjonijiet prezentati mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi f’dan il-kaz l-imputat omissis jinsab akkuzat bir-reat ta’ korruzzjoni ta’ minorenni kontemplat fl-Artikolu 203 tal-

Kodici Kriminali, u cioe' bil-korruzzjoni ta' MC, tfajla ta' hmistax il-sena, bl-aggravju li l-minuri kienet giet fdata lilu sabiex jiehu hsiebha u bl-aggravju li l-minuri hija dixxendenti miz-zwieg, ghaliex hija fil-fatt kienet it-tifla ta' oht MN mart l-imputat. L-imputat gie akkuzat ukoll bir-reat ta' attentat vjolenti tal-pudur u cioe' ir-reat kontemplat fl-Artikolu 207 kif ukoll bir-reat ta' arrest illegali kontemplat fl-Artikolu 86 u 87 tla-Kodici Kriminali u bir-reat ta' offiza ghall-pudur jew ghal-morali maghmula fil-pubbliku kontemplat fl-Artikolu 209 tal-Kodici Kriminali. Kif irrilevat ben tajjeb id-Difiza fin-Nota ta' Sottomissjonijiet finali taghha l-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju tieghu tat-30 ta Settembru 2004 ma ndikax l-Artikolu 207 tal-Kodici Kriminali u cioe' l-Artikolu li jirreferi ghall-attentat vjolenti ghall-pudur. Ghar-ragunijiet li ser jirrizultaw evidenti aktar il-quddiem fil-korp ta' din is-sentenza din il-Qorti mhux ser tidhol fil-kwistjoni sollevata mid-Difiza dwar jekk dan ir-reat ghandux jitqies bhala reat minuri u kompriz u nvolut fir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni jew jekk altrimenti l-akkuza ta' attentat vjolenti ghal pudur inghatatx bhala alternattiva ghar-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni.

Il-Prosekuzzjoni qed tibbaza l-kaz taghha fil-konfronti tal-imputat fuq ix-xhieda tal-minuri MC ghaliex ix-xhieda l-ohra migjuba mill-Prosekuzzjoni lkoll irreferew dak li qaltilhom M u ma kienu jafu xejn di sentu. MC xehdet darbtejn f'dawn il-proceduri, l-ewwel darba fil-25 ta' Frar 2004 (traskrizzjoni tax-xhieda relattiva inserita a fol. 9 sa 59 tal-atti processwali) u t-tieni darba fit-12 ta' April 2007 (traskrizzjoni tax-xhieda relattiva inserita a fol. 150 sa 190 tal-atti processwali) fejn hija spjegat li lill-imputat omissis kienet ilha tafu sa minn mindu kienet tista' tghid tarbija stante li huwa kien ir-ragel ta' oht ommha (MN) u ghalhekk kien iz-ziju tar-rispett. Hija qalet li d-dar tal-imputat u martu kienet it-tieni dar taghha stante li huma kienu jghixu vicin hafna u hija kienet habiba tal-kugina DM, it-tifla tal-imputat, u kienet tiftah qalbha u titkellem maz-zija taghha M, mart l-imputat dwar il-problemi li kien ikollha ma' ommha u missierha. Hija tghid li kienet tmur ta' spiss id-dar tal-imputat u martu sabiex taghmel il-make-up jew xaghar il-kugina u tirrakkonta li s-Sibt 17 ta' Jannar 2004 kienet marret filghaxija d-dar tal-imputat

sabiex taghmel il-make-up tal-kugina. Hija qalet li dakinhar ma setghatx tohrog ghaliex kien gie impost kastig fuqha mill-genituri taghha u ghalhekk kienet marret id-dar tal-imputat liebsa l-pyjama b'gakketta sewda fuq kollox. Hija tghid li meta gie l-imputat mix-xoghol ghall-habta tat-7.45pm huwa kien ser iwassal lil kugina ir-Rabat (l-imputat u l-allegata vittma kienu jghixu l-Imtarfa) u hija staqsiet jekk tistghax tmur maghhom, maz-ziju u mal-kugina, iwalsu lil din tal-ahhar sad-disco ir-Rabat. Hija tghid li wara li nizlet il-kugina DM mill-vettura iz-ziju waqaf jixtri pakkett sigaretti u cikkulata minn bar bl-isem ta' Serkin li jinsab ir-Rabat u mbaghad l-imputat beda' jghidilha cajt doppju sens. Hija tghid li ghalkemm l-imputat kien ihobb jiccajta qatt ma kien qalilha kliem doppju sens qabel. Dejjem skond M l-imputat imbaghad issuggerixxa li jmorru dawra bil-karozza u peress li hija kienet bil-kastig u ma tantx riedet tmur lura d-dar accettat li jmorru dawra u hija tghid li l-imputat l-ewwel ried iwaqqaf il-vettura hdejn id-dar tal-anzjani tal-Imtarfa izda wara li hija qaltlu li kienu qishom ser jaqghu minn fuq is-sur huwa nizel aktar l-isfel u waqqaf il-vettura f'dahla fl-imwarrab fejn kien hemm xi garaxxijiet. M tghid li l-imputat ghamel idejh wara ghonqha u beda' jmissilha sidirha minn fuq il-gakketta u s-seat belt u beda' jnizzel idejh sabiex idahhal idu minn toqba li hija kellha fil-pyjama precizament fejn jiltaqghu il-hjatat bejn is-saqajn. Hija tghid li bdiet tibza u bdiet tghidlu jieqaf izda f'dan l-istadju huwa hareg il-parti privata tieghu u beda' jimmasturba quddiemha u beda' jaqbdilha idha u jpoggiha fuq il-parti privata tieghu. Hija tghid li bdiet tghidlu sabiex jieqaf u huwa beda jghidilha sabiex tilghaq il-parti privata tieghu u mbaghad kompla jimmasturba sakemm hareg barra mill-vettura sabiex jegakula. Hija tghid li qabditha biza' kbira u l-anqas bdiet temmen li dawn l-affarijiet kienu qed jigru lilha u tispjega li l-imputat imbaghad wassalha d-dar u qalilha sabiex ma tghid xejn dwar dak li kien gara u hija weghditu li ma kienet ser tghid lil hadd. Hija tghid li meta dahlet id-dar kien hemm ommha li qaltilha li kienet sejra tigbor lil missierha mir-Rabat u meta telqet ommha hija cemplet lil habiba taghha, RM, u rrakkontatilha x'kien gara. Hija tghid li wara dan l-incident bdiet tibza mill-irgiel u l-habiba taghha R bdiet tinkoraggiha sabiex titkellem dwar dak li kien gralha mal-genituri taghha jew ma xi hadd

li seta jghinha izda hija bdiet tibza taghmel dan minhabba ir-rejazzjoni ta’ missierha. MC spjegat li l-habiba taghha R kienet ikkonvincitha titkellem mal-counsellor tal-iskola u fil-fatt hekk ghamlet izda hija nsistiet mieghu li ma riditx tghid lill-genituri taghha dwar dak li kien gara. Hjia tghid ukoll li RM ikkonvincitha sabiex icemplu l-help line 179 sabiex jghidullhom l-istorja sabiex jaraw kif dawn setghu jghinu lil M u fil-fatt R kienet cemplet lil din il-help line u rrakkontat l-istorja izda tat biss id-dettalji tal-iskola fejn kienet tmur MC. L-ghada meta marru l-iskola M u R irrakkontaw lil counsellor dwar it-telefonata lil helpline u dan tal-ahhar cempel l-Appogg fejn irraporta l-allegazzjonijiet li kienu saru minn M u f’dan l-istadju l-Appogg bdew jinvestigaw il-kaz u mbaghad involvew lil Pulizija. MC qalet li meta gara dan l-incident hija kienet ghadha vergni ghalkemm kienet ghamlet disa’ xhur tohrog ma guvni tamparha. Hija rrakuntat ukoll dwar incident fejn wara li kienet spiccat ir-relazzjoni taghha mal-boyfriend minhabba li l-genituri taghha ma tantx kellhom pjacir bih hija kienet id-dar wahidha u bdiet tixrob il-vodka bl-orange juice ghaliex riedet tisker halli tnehhi d-dwejjaq u tispjega li baghtet messagg li kien minghalija baghtet lil habiba taghha R izda dan il-messagg bi zball kienet baghtitu lil omm l-ex boyfriend taghha u din inkwetat u cemplet liz-zija M u din marret u gabritha mid-dar u haditha ghandha. Hija tghid li f’xi hin giet omm l-ex gharus taghha u z-zija harget barra sabiex tkellimha u l-kugina dahlitha fil-banju sabiex taghtiha shower kiesha sabiex tigi f’taghha. Hija tipprova taghti l-impressjoni li z-ziju seta’ kien fil-kamra tal-banju meta kienet qed tinghata s-shower minn kuginitha. Meta xehdet in kontro-ezami MC kienet ambigwa ferm dwar ir-ragunijiet il-ghala hija kienet tmur tkellem counsellor l-iskola qabel ma sehh l-allegat incident u tevita li tghid x’kienu il-problemi li kellha mal-genituri taghha. Hija inoltre meta konfrontata bil-fatt li l-habiba taghha RM kienet xehdet li hija kienet qaltilha li hija (M) kellha x’taqsam sesswalment mal-boyfriend taghha filwaqt li meta xehdet hi kienet qalet illi kienet vergni, l-ewwel pruvat tghid li ma qalitx il-verita’ ghaliex bdiet tisthi u imbaghad qalet li ma qalitx li kellha relazzjonijiet sesswalli mal-boyfriend taghha ghaliex hasbet li d-domanda li kienet qed issirilha kienet

tirreferi biss ghal relazzjonijiet sesswali kontra l-volonta' taghha.

Ikkunsidrat:

L-imputat AN kemm meta rrilaxxja l-istqarrija inserita a fol. 100 u 101 tal-process kif ukoll meta xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-21 ta' Gunju 2007 cahad bil-qawwa kollha li kien sehh dak li allegat MC fil-konfronti tieghu. Huwa qal li kienu telqu mid-dar tieghu l-Imtarfa ghall-habta' tat-8.00pm, waslu lil bintu DM ir-Rabat, imbaghad huwa waqaf hdejn hanut ir-Rabat is-Serkin fejn xtara pakkett sigaretti u waqaf jitkellem ma persuna li ltaqa' maghha fil-hanut u imbaghad wassal lil M d-dar u mar id-dar. Huwa qal li ma wasalx id-dar aktar tard mit-8.30pm. L-imputat qal li jixtieq ikun jaf il-ghala MC kienet qalet dawk l-affarijiet fuqu meta kull ma rat min-naha tieghu u tal-familja tieghu kien gid. Huwa nnega li kien jghid cajt doppju sens lil M jew li kien qatt missilha sidirha.

F'dawn il-proceduri xehdet ukoll MN, mart l-imputat (traskrizzjoni tax-xhieda relattiva nserita a fol. 225 sa 241 u a fol. 242 sa 264 fejn hija kkonfermat dak li kien qal zewgha dwar il-hinijiet involuti u spjegat li dakinhar tal-allegat incident hija kienet ser twassal lil bintha id-disco ir-Rabat u meta kienet sejra tbiddel dahal zewgha mix-xoghol miksi bit-trab ghaliex kien jahdem fil-construction u hija talbitu jaghmlilha pjacir u jwassal lit-tifla hu sabiex hija ma toqghodx tbiddel. Hija spjegat kif MC talbitha sabiex tmur maz-ziju iwaslu lil kugina u hija qaltilha li tista' tmur izda fakritha li kellha kastig u riedet tkun id-dar sat-8.30 pm u ghalhekk qaltilhom sabiex ma jdumux. Hija qalet li zewgha, M u bintha telqu mid-dar ghall-habta tat-8.00pm u zewgha kien irritorna lura d-dar sat-8.30pm. MN spjegat ukoll kif fix-xahar wara s-17 ta Jannar 2004 M baqghet tmur id-dar taghhom ta' kuljum u l-atteggjament taghha ma nbidel xejn u rrakkontat illi dejjem wara l-imsemmija data meta l-familja taghhom kif ukoll dik ta' M kienu sejrin jaraw play St'Agatha, M kienet talbitha sabiex tmur fil-karozza maghhom minflok mal-genituri taghha kif fil-fatt ghamlet fejn rikbet fil-vettura taghhom misjuqa mill-imputat. MN spjegat kif M kienet dejjem tghidlha kontra

ommha u missierha u kemm dawn jitrattawha hazin u meta hija kienet tintervjeni ma omm M, u cioe' ohtha, din kienet tghidilha sabiex ma temminx lil M ghaliex kienet giddieba kbira. Hija qalet ukoll li M kienet tghid lilha u lil zewgha li kienet tixtieq li kienu huma ommha u missierha.

F'dawn il-proceduri xehed ukoll TZC (traskrizzjoni tax-xhieda relattiva nserita a fol. 203 sa 206). Il-Qorti tat piz kbir ghal dak li qal dan ix-xhud li kkorobora dak li qalet MN dwar in-nuqqas ta' affidabilita' ta' MC. Huwa spjega kif kien beda' johrog ma MC meta kellu tlettax il-sena u hija kellha hmistax il-sena u qal li kien dam disa' xhur johrog magha u ddecida li jittermina r-relazzjoni maghha minhabba l-gideb kontinwu da parti taghha fejn hija kienet kontinwament tghidlu li xi hadd minn shabu kien ittantaha u meta huwa kien jikkonfrontahom dwar dak allegat minn M dawn kienu jichdu bl-aktar mod kategoriku u huwa beda' jiskopri Ii dak li kienet tghidlu M ma kienx il-verita'. Huwa qal ukoll li beda' jkollu relazzjonijiet sesswali ma M wara gimgha li bdew johorgu flimkien u li kien ikollhom relazzjonijiet sesswali kwazi kuljum tul id-disa' xhur li damu johorgu flimkien. Huwa qal ukoll li l-ewwel darba li kellu x'jaqsam ma' M kien staqsiha dwar il-fatt illi kien jidher li hija ma kinitx vergni u hija rrisponditu li kienet giet abbuzata sesswalment minn ziju taghha li kien jghix Ghawdex waqt li l-mara tieghu kienet l-isptar. Hija qaltlu sabiex ma jghid lil hadd dwar dan iz-ziju. TZC rrakkonta wkoll kif M kienet qaltlu li driver tal-minibus tal-iskola kien baqa' sejjer biha Had-Dingli u prova jabbuza minnha izda wara li hija ma riditx huwa wassalha d-dar. Hija tatu deskrizzjoni ta' dan id-driver izda meta huwa mar hdejn l-iskola ta' M u staqsa ghad-driver bid-deskrizzjoni li kienet tatu M qalulu li ma kien hemm ebda driver li kien jaqa' taht dik id-deskrizzjoni. TZC irrakkonta wkoll dwar incident iehor fejn M kienet qaltlu li kienu grew warajha zewg Gharab u spjega li wara li hija kienet ghamlet ir-rapport dwar l-imputat huwa kien iltaqa' maghha f'disco u dan meta huma ma kienux ghadhom johorgu flimkien u hija bdiet tibki u qaltlu li forsi kien ser ikollu jitla' l-Qorti u qaltlu sabiex jekk jixhed il-Qorti ma jsemmi xejn dwar il-fatt li kien ikollhom x'jaqsmu flimkien jew dwar l-incident taz-ziju

t'Ghawdex li allegatament kien abbuza minnha meta kienet izghar.

F'dawn il-proceduri xehdet ukoll TG li spjegat li hija kienet saret taf lil MC ghaliex ghamlet zmien twil tohrog ma HZC, hu TZC. Hija qalet li huma kienu jiltaqghu d-dar ta' omm T u tispjega kif kienet tara lil M u T jiggieldu kontinwament ghaliex M kienet il-hin kollu tghid lil T li xi hadd minn shabu kien ittantaha. Din ix-xhud qalet ukoll illi TZC kien telaq lil M ghaliex ma felahx aktar il-gideb kontinwu da parti taghha. Hija spjegat li kien hemm okkazzjoni fejn MC kienet cemplet lil habiba komuni li jisimha D u qaltilha li kellha hafna dwejjaq u li kienet ser taqbez. TV spjegat li meta hi u D marru jsibu lil M din qaltilhom li kellha d-dwejjaq ghaliex hi u kuginitha DM kienu gew stuprati. Din ix-xhud spjegat li wara hafna zmien kienet staqsiet lil DM jekk kienx veru li hija kienet giet stuprata u din bdiet tidhaq u qaltilha li dan assolutament ma kienx veru. TV irrakkuntat ukoll li kien hemm okkazzjoni ohra fejn MC qaltilha li kienet marida hafna ghaliex kellha tumur f'rasha.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti wara li fliet bir-reqqa kollha dovuta l-provi kollha migjuba mil-Prosekuzzjoni u mid-Difiza f'dan il-kaz jidrilha li assolutament ma tistghax tinghata affidabilita' lix-xhieda moghtija minn MC. Dan jinghad ghal diversi ragunijiet l-ewwel u qabel kollox ghaliex irizulta li din ix-xhud gidbet waqt li kienet qed tixhed bil-gurament f'dawn il-proceduri fejn in ezami qalet li kienet ghadha vergni izda imbaghad meta xehdet in kontro-ezami u wara li gie rilevat lilha li sehbitha RM kienet qalet li M kient tghidilha li kellha x'taqsam mal-boyfreind hija ghal ewwel qalet li ma qalitx il-verita' ghaliex kienet tisthi u mbaghad qalet li kienet fehmet li d-domada kienet tirreferi ghal relazzjonijiet sesswali kontra l-volonta' taghha. Il-Qorti kif presjeduta li semghat lil din ix-xhud tixhed bil-procedura tal-video conferencing setghat tinnota l-atteggjament xejn konvincenti ta' MC waqt li qed tixhed fejn bdiet tevita li tirrispondi ghal domandi li kienu qed isirulha dwar ir-ragunijiet li hija kienet tmur ghal counseling sessions l-iskola u fejn hija pruvat ukoll tevita li tirrispondi ghad-

domanda dwar il-verginita' o meno taghha. Il-Qorti rat ukoll li din ix-xhud pruvat tghid lil TZC sabiex ma jsemmiex certu affarijiet jekk jitla' jixhed f'dawn il-proceduri. Il-Qorti strahet hafna fuq ix-xhieda moghtija minn TZC u minn TV dwar MC minn fejn irrizulta li M kienet tfajla li kienet tigdeb kontinwament fejn kienet tivvinta stejjer u taghmel allegazzjonijiet serji u li hafna drabi rrizultaw inveritjieri dwar terzi sabiex tattira l-attenzjoni. F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti ma tistghax ma jkollhiex ukoll dubji serji dwar il-kredibilta' ta' MC in kwantu dak allegat fil-konfronti tal-imputat spjecjalment meta wiehed jikkunsidra li dan tal-ahhar sa mill-bidu nett cahad b'mod kategoriku li kien sehh dak allegat minn M fil-konfronti tieghu. Il-Qorti jidrilha li l-imputat irnexxielu jipprova sal-grad tal-probabbli li M kienet tfajla thobb tigdeb u tivvinta l-istejjer sabiex iggieghel lin-nies jithassruha u b'hekk jaghtuha l-attenzjoni u li fil-fatt dak li kienet qed tallega li sehh fis-17 ta' Jannar 2004 kien biss wahda ohra minn dawn l-istejjer ivvintati da parti ta' M.

Il-Qorti jidrilha li ghandha temmen il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-imputat dwar x'effettivament sehh fis-17 ta' Jannar 2004 u mhux dik moghtija minn MC.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuzi.

Il-Qorti tordna d-divjet tal-pubblikazzjoni f'kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni ta' isem il-minuri, ta' isem l-imputat kif ukoll tal-ismijiet tal-familjari taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------